

32004R2237

31.12.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 393/1

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2237/2004**tad-29 ta' Diċembru 2004**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1725/2003 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità bi qbil mar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, f'dak li għandu x'jaqşam mal-IAS Nru 32 u mal-IFRIC 1 (Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003² ġew adottati ċerti standards internazzjonali u interpretazzjonijiet li kienu fis-seħħ fl-1 ta' Settembru.
- (2) Fis-17 ta' Diċembru 2003, il-Bord għall-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IASB) ppubblika reviżjoni tal-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 32 *Strumenti Finanzjarji: l-Iżvelar u l-Preżentazzjoni* bħala parti mill-inizjattiva tal-IASB sabiex jittejjeb ħmistax-il standard f'biżżejjed żmien sabiex ikunu jistgħu jintużaw minn kumpaniji li jadottaw l-IAS għall-ewwel darba fl-2005. Fir-reviżjoni tal-IAS 32, l-IASB ma reġax ikkunsidra l-linji fundamentali li jinsabu fih. L-IAS 32 stabbilixxa prinċipji bażiċi għall-klassifikazzjoni tal-istrumenti bħala obligazzjonijiet u ekwità. Biex tiddetermina jekk l-istrumenti għandhomx jiġu klassifikatai bħala obligazzjonijiet jew ekwità, l-entità għandha tikkunsidra t-termini u l-kundizzjonijiet kollha tal-kuntratt rispettiv.
- (3) Wara diskussjonijiet bilaterali mar-rappreżentanti tad-dinja kooperattiva u minħabba t-talba magħmula mill-Kummissjoni, l-IASB stieden lill-Kumitat għall-

¹ ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.

² ĠU L 261, 11.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 707/2004 (ĠU L 111, 17.4.2004, p.3).

Interpretazzjonijiet Internazzjonali dwar ir-Rapportaġġ Finanzjarju (IFRIC) tiegħu, sabiex jiżviluppa interpretazzjoni li tiffaċilita l-applikazzjoni tar-reviżjoni tal-IAS. Interpretazzjoni finali, ***IFRIC 2 [Ishma ta' Membri f'Entitajiet Kooperattivi u Strumenti Simili] ġie ppubblikat f'forma finali fil-25 ta' Novembru 2004. Id-data effettiva tal-applikazzjoni ta' din l-interpretazzjoni hi l-istess bħal dik tal-IAS 32. L-IFRIC 2 se jiġi kkunsidrat għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea mill-aktar fis possibbli fl-2005.***

- (4) Fis-27 ta' Mejju 2004, l-IASB ħareġ l-Interpretazzjoni IFRIC 1 *Bidliet fl-Obbligazzjonijiet Eżistenti ta' Dekumissjonament, Restawr u Obligazzjonijiet Simili*. L-Interpretazzjoni tindirizza l-mod kif għandhom jiġu adottati l-bidliet fl-obbligazzjonijiet eżistenti ta' dekomissjonament, restawr u obbligazzjonijiet simili li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tal-IAS 16 *Proprietà, Impjanti u Tagħmir* u huma rikonoxxuti bħala dispożizzjoni fl-IAS 37 *Dispożizzjonijiet, Obligazzjonijiet Kontinġenti u Assi Kontinġenti*.
- (5) Il-konsultazzjoni mal-esperti tekniċi fil-qasam tikkonferma li r-reviżjoni tal-IAS 32 *Strumenti Finanzjarji: L-Iżvelar u l-Preżentazzjoni* u l-Interpretazzjoni IFRIC 1 *Bidliet fl-Obbligazzjonijiet Eżistenti ta' Dekumissjonament, Restawr u Obligazzjonijiet Simili* jilhqgħu l-kriterji tekniċi għall-adozzjoni stipulati fl-Artikolu 3 (2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 u b'mod parikolari r-rekwiżit li dawn iwasslu għall-ġid pubbliku Ewropew.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 1725/2003 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (7) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Regulatorju tal-Kontabilità.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1725/2003 huwa emendat kif ġej:

- (1) għandu jiddaħħal it-test tal-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 32 *Strumenti Finanzjarji: L-Iżvelar u l-Preżentazzjoni* stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) għandu jiddaħħal it-test tal-Interpretazzjoni IFRIC 1 *Bidliet fl-Obbligazzjonijiet Eżistenti ta' Dekumissjonament, Restawr u Obligazzjonijiet Simili* stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2005.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Diċembru 2004.

Għall-Kummissjoni
Charlie McCREEVY
Membre tal-Kummissjoni

ANNEX

Għal verżjoni aġġornata u konsolidata tal-istandard/s imsemmi/ja f' dan ir-Regolament, ara r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 tat-3 ta' Novembru 2008

li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1-481.